MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI) MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
DE GAETANO VINCENT
ONOR. IMHALLEF
CAMILLERI JOSEPH D.
ONOR. IMHALLEF
FILLETTI JOSEPH A.**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 2141/1999/1

**N.M.R. Property Limited**

**vs**

**Raymond Aquilina personalment, Terra Mediterranea Limited, Domenic Savio sive Savio Spiteri personalment u Spiteri Holdings Limited**

**Il-Qorti,**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1. Dan l-appell huwa dwar azzjoni ta' spoll istitwita mis-socjeta` attrici kontra l-konvenuti proprio u z-zewg

socjetajiet l-ohra fuq imsemmija rigwardanti prozjoni kirja ta' art, u cjoe` plots numru wiehed (1) u tlieta (3), formanti parti mill-art maghrufa bhala Tal-Misluta sive tal-Franciz, fid-distrett maghruf bhala tat-Tiniet, f'Saint Andrew's, limiti ta' San Giljan, il-plot numru wiehed (1) huwa tal-kejl ta' madwar mitejn u tmienja u erbghin punt tlieta sitta tnejn metri kwadri (248.362m$^2$) u plot numru tlieta (3) tal-kejl ta' mija wiehed u disghin punt tmienja hamsa sitta metri kwadri (191.856m$^2$).

**IS-SENTENZA APPELLATA**

2. B'sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Marzu 2001, dik il-Qorti ddecidiet il-kawza billi laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Domenico Savio sive Savio Spiteri u tas-socjeta` Spiteri Holdings Limited u ghalhekk illiberathom mill-osservanza tal-gudizzju; cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti Raymond Aquilina u s-socjeta` Terra Mediterranea Limited; u laqghet it-talbiet attrici fil-konfront ta' l-imsemmija Raymond Aquilina proprio u Terra Mediterranea Limited, b'dan illi;

(i) Iddikjarat li l-konvenuti Raymond Aquilina u s-socjeta` Terra Mediterranea Limited ikkommettew spoll klandestin u vjolenti meta dahlu fl-imsemmija art Plots numri wiehed (1) u tlieta (3), formanti parti mill-art maghrufa bhala Tal-Misluta sive tal-Franciz, fid-distrett maghruf bhala tat-Tiniet, f'Saint Andrew's, limiti ta' San Giljan, il-plot numru wiehed (1) huwa tal-kejl ta' madwar mitejn u tmienja u erbghin punt tlieta sitta tnejn metri kwadri (248.362m$^2$) u plot numru tlieta (3) tal-kejl ta' mija wiehed u disghin punt tmienja hamsa sitta metri kwadri (191.856m$^2$).

(ii) ordnat li s-socjeta` attrici tigi reintegrata fil-pussess ta' l-art/plots numru wiehed (1) u tlieta (3), formanti parti mill-art maghrufa bhala Tal-Misluta sive tal-Franciz, fid-distrett maghruf bhala tat-Tiniet, f'Saint Andrew's, limiti ta' San Giljan, il-plot numru wiehed (1) huwa tal-kejl ta' 248.362m$^2$, u plot numru tlieta (3) tal-kejl ta' 191.856m$^2$, u b'hekk ikkundannat lill-konvenuti Raymond Aquilina u s-socjeta` Terra Mediterranea Limited flimkien u <u>in solidum</u> bejniethom sabiex jaghmlu x-xoghlijiet kollha mehtiega konsistenti fil-bini mill-gdid tal-pedamenti u hitan li kienu mibnija qabel l-ezercizzju tal-istess atti spoljattivi, it-

tnehhija ta' materjal, il-mili ta' pedamenti, ir-reinforz tal-istess pedamenti u hitan, inkluz fl-istess xogholijiet dawk indikati fir-rapport tal-perit Edward Calleja tat-3 ta' Settembru 1999 relatati mal-istess zewg plots numru 1 u 3, biex is-socjeta` attrici tigi reintegrata fil-pusses ta' tali plots fl-istat li kienu qabel l-ispoll, u dan f'terminu qasir u perentorju ta' sittin (60) gurnata mid-data tas-sentenza, u taht id-direzzjoni tal-perit Valerio Schembri, li gie nominat minn dik il-Qorti sabiex jissorvelja x-xogholijiet li gew ordnati; kollox a spejjez tal-imsemmija Raymond Aquilina u s-socjeta` Terra Mediterranea Limited in solidum bejniethom, u

(iii) in difett li ta' tali xogholijiet isiru mill-konvenuti Raymond Aquilina u Terra Mediterranea Limited fit-termini moghti, awtorizzat lill-attur jaghmel dawk l-istess xogholijiet fuq indikati taht id-direzzjoni tal-perit Valerio Schembri u kollox a spejjez tal-konvenuti Raymond Aquilna u s-socjeta` Terra Mediterranea Limited.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-perit tekniku nominat minna biex jissorvelja x-xogholijiet ordnati kontra Raymond Aquilina u s-socjeta` Terra Mediterranea Limited.

## L-APPELLI TAL-KONTENDENTI

3. Mis-sentenza surreferita deciza mill-Prim' Awa tal-Qorti Civili, appella kemm l-attur, kif ukoll il-konvenuti Raymond Aquilina proprio u s-socjeta` Terra Mediterranea Limited, filwaqt li min-naha taghhom, iz-zewg konvenuti l-ohrajn, jigifieri Domenic Savio sive Savio Spiteri u Spiteri Holdings Limited interponew appell icidentali.

4. Din il-Qorti wara li taghmel riferenza ghall-atti tal-kawza u wara li semghet it-trattazzjoni ta' l-appell sejra tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji ta' l-appellanti u tiddeciedi dwarhom in definittiva.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

5. Ikkunsidrat li qabel xejn tajjeb li jigi osservat li l-meritu ta' l-appell in ezami jikkoncerna b'kollox tlett kawzi ta' spoll f'daqqa u dan mhux biss ghar-raguni li l-meritu bejn it-tlett proceduri huwa intimament konness imma wkoll il-

ghaliex effettivament f'dawn it-tlett kawzi – ara verbal datat 15 ta' Gunju 2000 registrat quddiem l-ewwel Qorti – il-kontendenti kienu qablu illi t-tlieta li huma jigu mismugha, trattati u decizi kontestwalment, u dak li jsir f'wahda minnhom ikun, mutatis mutandis, jghodd ghall-ohra. It-tlett kawzi fl-appell huma s-segwenti:

(i) Citazzjoni Numru 2140/99 fl-ismijiet "Neville Xuereb – vs – Raymond Aquilina personalment, Terra Mediterranea Limited, Domenic Savio sive Savio Spiteri personalment u Spiteri Holdings Limited",

(ii) Citazzjoni Numru 2141/99 fl-ismijiet "N.M.R. Property Limited – vs – Raymond Aquilina et", u

(iii) Citazzjoni Numru 2142/99 fl-ismijiet "Marcus Marshall – vs – Raymond Aquilina et".
Dak li ser jinghad u deciz jghodd ghat-tlett proceduri fuq imsemmija.

6. Ikkunsidrat li f'dana l-istadju il-Qorti giet adita biex tiddelibera u tiddeciedi fuq zewg appelli separati, ghalkemm konnessi, kif ukoll dwar appell incidentali. Di fatti, mill-atti processwali jirrizulta li l-kontendenti kollha kemm proprio kif ukoll nomine, appellaw mit-totalita` jew minn parti mis-sentenza tal-ewwel Qorti u ghaldaqstant qeghdin jitolbu jew ir-revoka taghha jew riforma parzjali, skond il-kaz. Ghal fini ta' pratticita` u billi l-konvenuti Raymond Aquilina proprio u s-socjeta` Terra Mediterranea Limited qeghdin jitolbu r-revoka tas-sentenza in toto jkun opportun li din il-Qorti tikkonduci d-deliberazzjoni taghha dwar id-diversi aggravji u talbiet fl-ordni segwenti:

(i) l-aggravji tal-appellanti Raymond Aquilina proprio u s-socjeta` Terra Mediterranea Limited u t-talba taghhom ghar-revoka u thassir tas-sentenza appellata moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Marzu 2001.

(ii) l-aggravji u t-talba tal-kontroparti attrici appellanti ghall-fini ta' konferma tad-decizjoni fil-konfront tal-konvenuti Raymond Aquilina personalment u Terra Mediterranea Limited, bir-revoka pero` ghal dak deciz mill-

Qorti ta’ l-ewwel grad fil-konfront ta’ l-appellati Domenico Savio Spiteri u Spiteri Holdings Limited billi tiddikjarahom ko-responsabbli ta’ l-ispoll de quo, bl-ispejjez ta’ l-appell kontrihom.

(iii) l-aggravji imsemmija fl-appell incidentali interpost mill-appellati Domenico Savio Spiteri u Spiteri Holdings Limited ghar-revoka ta’ dik il-parti tas-sentenza appellata fejn iddikjarat li gie kommess spoll klandestin u vjolenti koncernanti l-art imsemmija fl-att tac-citazzjoni.

Mis-suespost ghandu jirrizulta evidenti li ghalkemm l-aggravji u t-talbiet varji tal-kontendenti gew maqsumin fi tlieta, dak li jinghad mill-Qorti taht wiehed minnhom jista` jghodd u jincidi wkoll direttament fuq il-kap l-iehor, bla htiega ghalhekk ta’ ripetizzjonijiet inutli.

**DWAR L-APPELL TA’ RAYMOND AQUILINA PERSONALMENT U TERRA MEDITERRANEA LIMITED**

7. Ikkunsidrat li fis-sentenza appellata, il-Qorti ta’ l-ewwel grad, wara li ghamlet rassenja b’mod approfondit tal-provi kollha li gew prodotti quddiemha, ikkonkludiet kif gej dwar l-element tal-pussess, wiehed baziku sabiex tkun tista’ tirnexxi azzjoni ta’ spoll,

“Illi mill-provi prodotti jirrizulta lil din il-Qorti, bla ebda dubju kwalunkwe, li l-attur kellu l-pussess tal-plot in kwistjoni u dan jirrizulta mix-xhieda...”

Min-naha l-ohra, l-appellanti Aquilina proprio u s-socjeta` Terra Mediterranea Limited qeghdin jissottomettu li meta s-socjeta` appellanti bdiet tiddiskuti u tinnegozja dwar l-akkwist ta’ l-art de quo mas-socjeta` Spiteri Holdings Limited hija mxiet fuq dokumenti in atti murija lilha mill-eventwali venditur kwantu ghat-titlu fuq l-art. Is-socjeta` appellanti ma kellhiex ghalfejn tiddubita minn dak li kien jemergi minn dawn l-atti u l-agir taghha kien ghalhekk “in buona fede”. Isostnu l-appellanti konvenuti li hadd minnhom ma kellu l-intenzjoni li jispussessa lill-attur “ghax lanqas biss kien maghruf l-ezistenza tieghu fil-mument tal-allegat spoll – l-animus spoliandi ghalhekk kien nieqes”.

Illi dwar dana l-aggravju, hija l-fehma ta’ din il-Qorti, bhal dik ta’ qabilha, li mhux bizzejjed ghall-appellanti konvenuti

li jghidu, in propja diskolpa, li huma kellhom biss quddiemhom munzell hamrija fil-lok fejn gie kommess l-allegat spoll ghax jekk effettivament, kif jidher li hu dan il-kaz, l-attur gab prova sufficjenti li huwa kien tassew il-pussessur ta' l-art de quo, allura bilfors isegwi li l-invazjoni fuq artu maghmulha mill-appellanti ad insaputa tieghu kienet tammonta ghal att spoljattiv. Huwa minnu li l-appellanti setghu gew sa certu punt indotti f'dan l-operat illecitu bl-ghajnuna tal-konvenuti l-ohrajn imma dan mhux bizzejjed biex jezonerahom. Kif tajjeb gie ritenut fil-kawza fl-ismijie "Joseph Cilia et – vs – Loreto Camilleri et" (Prim' Awla, Qorti Civili 12 ta' Gunju 1998):
"Il-ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma taghtix lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabbilixxi (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' spoll. Indagni limitalissima, rigoruza u strana."

Aktar attinenti ghall-element tal-"vjolenza" imbaghad gie ukoll ritenut li,
"...il-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun arbitrarju u kontra l-volonta` tal-pussessur b'mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att" (ara J. "Scerri – vs – S. Falzon", Prim' Awla tal-Qorti Civili, 24 ta' Jannar 1958, u "J. Vella – vs – S. Micallef", 30 ta' April 1991)."

Minbarra s-suespost din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, m'hija xejn konvinta mill-allegata bona fede tal-appellanti konvenuti. Jekk hu veru li l-munzell hamrija li kien hemm fuq din l-art u n-nuqqas ta' prezenza tal-pussessur waqt it-thammil setghu inducew lill-appellanti fi zball, is-sejba ulterjuri ta' pedamenti miksijin taht il-hamrija messu tahom x'jifhmu li sakemm non si trattava ta' xi sejba arkeologika (f'liema kaz ukoll kien ikollhom jieqfu bix-xoghol intrapriz), li l-istess pedamenti kienu zgur saru minn xi hadd. U jekk dan ma kienx il-venditur, il-presunzjoni kellha tkun li kien ghamilhom terz pussessur. Issa li kieku l-appellanti flok ma ghagglu biex ihammlu l-art hadu l-briga li f'xi stadju jivverifikaw kienx hemm xi permessi ta' bini rigwardanti l-art de quo, zgur kienu jsibu li l-attur kien inkariga ghal dan il-ghan lill-perit Edwin Micallef u li effettivament kien ukoll ottjena permessi ta' bini fuq din l-art. Anki dwar dan il-fatt

l-ewwel Qorti kellha l-okkazjoni tikkummenta li, b'riferenza ghall-operat tal-appellanti, partikolarment tal-konvenut Raymond Aquilina proprio li dan
"...kien aktar prokkupat, jekk wiehed jemmen ix-xhieda minnu moghtija, jekk kienx hemm barriera fl-istess art, milli dwar it-titolu tal-istess art, li huwa kien ser jakkwista b'konvenju..."

Konfortata bi provi tangibbli dwar pussess li ressaq ghall-konsiderazzjoni taghha l-attur, l-ewwel Qorti gustament iddecidiet favur it-talba tieghu li gie kommess spoll vjolenti.

8. Aggravju iehor sollevat mill-appellanti hu li l-azzjoni attrici – li htegilha titressaq fi zmien xahrejn – kienet sfat perenta billi, skond l-appellanti, il-fatti u l-provi, specjalment bin-numru ta' haddiema li gew prodotti b'xhieda u li kkoroboraw lil xulxin, kienu juru li fil-mument li giet intavolata l-azzjoni mill-attur iz-zmien fuq imsemmi ta' xahrejn kien ghadda inezorabilment.

Din il-Qorti tibda billi tosserva li trattandosi ta' aggravju dwar evalwazzjoni ta' xhieda mismughin viva voce mill-ewwel Qorti li hija prassi ormai stabbilita sew li hija ma tiddisturba qatt leggerment l-istess evalwazzjoni jekk mhux ghal xi raguni serja talment li tkun tiddetta xort' ohra. Dan ghaliex dik il-Qorti tkun qeghda fl-ahjar qaghda li tisma', tikkontrolla u tgharbel il-provi migjuba quddiemha. Fil-kaz in ezami, imbaghad, jidher wisq evidenti minn qari tas-sentenza li nghatat li dan l-ezercizzju ta' evalwazzjoni gie kondott skrupolozament mill-Ewwel Qorti. Din sahansitra kellha l-okkazjoni, riferibbilment ghax-xhieda mressqa mill-appellant, li telabora kif gej,
"Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti t-tezi tal-istess konvenuti ma hijiex kredibbli, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti, li kellha l-okkazjoni wkoll tinnota l-konportament tax-xhieda tal-istess konvenuti u x-xhieda minnhom prodotta waqt li taw l-istess xhieda, thoss li l-verzjoni dwar id-data meta sar ix-xoghol fuq ordni tal-konvenut Raymond Aquilina ma hijiex dik tat-2 ta' Awissu 1999".
Fi kliem iehor, l-ewwel Qorti kienet qeghda proprju tosserva wkoll il-komportament tax-xhieda in kwistjoni.

Fil-fatt, ghalkemm tressqu numru ta' haddiema jirrizulta li dawn spiccaw biex hadu l-informazzjoni relattiva ghad-data ta' meta sar ix-xoghol minghand il-persuna li kienet izzomm il-job cards, igifieri Lorraine Azzopardi. Is-sistema li bih kien jigi rregistrat ix-xoghol intrapriz lanqas kien wiehed affidabbli. L-Ewwel Qorti rritteniet hekk in propozitu, "...hemm hafna xi tghid dwar il-mod kif jinzammu l-istess job cards mill-istess socjeta` Toni Aquilina Limited, li ma hija hadd hlief il-kumpannija ta' hu l-konvenut Raymond Aquilina, fejn l-istess jikkonsisti biss f'fullscap (**sic!**) miktuba allegatament minn Lorraine Azzopardi fuq dak li jghidilha l-istess Toni Aquilina".

Ezami dettaljat ta' dak li ntqal f'dawn id-deposizzjonijiet juri li ma kienx minnu li x-xoghol de quo waqaf fit-2 ta' Awissu 1999 imma dam u skorra anke nofs l-istess xahar t' Awissu. Dan ifisser li c-citazzjoni attrici, ipprezentata fil-5 ta' Ottubru 1999 saret entro xahrejn ("infra bimestre deduxisse"). L-argument addizzjonali tal-appellanti fis-sens li darba li l-attur kien intavola wkoll kawza ohra kontrihom bbazata fuq l-azzjoni ta' manutenzjoni, li ghaliha hemm terminu itwal ta' sena biex wiehed jipprocedi u li dan kien juri kemm iz-zmien tax-xahrejn kien skada, lanqas iregi. Dana ghaliex azzjoni wahda ma tinnewtralizzax necessarjament azzjoni ohra. Jekk bl-azzjoni prezenti l-attur jista' jasal ghal dak li qed jitlob, igifieri li l-ispoll jigi spurgat, allura tali talba u l-indagni li din tinvolvi trid tigi mistharrga indipendentement u separatament mill-ohra.

9. It-tielet aggravju hu li fi kwalsiasi kaz il-konvenut Raymond Aquilina jissottometti li hu personalment ma kellux jinsab ko-responsabbli ghall-ispoll de quo. Hu jsostni li kull negozju ma' Spiteri Holdings Limited sar minnu f'isem Terra Mediterranea Limited.

Din il-Qorti, wara li kkunsidrat is-sottomissjonijiet li sarulha taht dan l-aspett, hija tal-fehma li dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti kien korrett. L-intromissjonijiet evidenti da parti ta' Raymond Aquilina, u l-koinvolgiment personali tieghu biex isir ix-xoghol li wassal ghall-ispoll huma fatti inekwivoci. Huwa veru li fl-ahhar mill-ahhar ix-xoghol sar

biex tigi vvantaggjata s-socjeta` Terra Mediterranea Limited imma daqstant iehor hu veru li kien Raymond Aquilina, flimkien mas-socjeta` msemmija, li kkonducew l-operazzjoni. Ghalhekk dana l-aggravju wkoll qed jigi respint.

10. Fl-ahharnett, l-appellanti konvenuti fuq imsemmija jissottomettu li f'kull kaz, huma qatt ma kien messhom gew ikkundannati jhallsu l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg konvenuti l-ohra minkejja li dawn kienu gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Billi ll-meritu ta' dana l-aggravju jifforma parti integrali mill-appell l-iehor maghmul mill-kontroparti attrici, il-Qorti sejra tiddelibera dwaru fil-kors ta' indagni tar-rikors ta' appell ta' l-attur.

**<u>Dwar l-appell tas-socjeta` attrici</u>**

11. Is-socjeta` attrici ma taqbilx ma' dik il-parti tad-<u>decide</u> fejn il-konvenuti appellati l-ohra, igifieri Domenic Savio Spiteri u Spiteri Holdings Limited gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju u appellat ghalhekk ghall-fini ta' riforma parzjali tas-sentenza. Min-naha taghhom il-konvenuti appellanti l-ohra, ghalkemm qablu mal-ewwel Qorti li z-zewg konvenuti appellati ma kellhom ebda sehem f'xi agir spoljattiv, issottomettew li l-ispejjez dwar din il-parti tad-decizjoni messhom gew akkollati lis-socjeta` attrici ghax kienet hi li harkithom erronjament u mhux huma.

Il-Qorti, qieset dan l-aggravju tas-socjeta` attrici, kif ukoll l-aggravju tal-konvenuti appellanti Rymond Aquilina proprio u Terra Mediterranea Limited, u wara li hadet kont tas-sottomissjonijiet tal-partijiet kontendenti kollha, sejra tiddeciedi kif ser jinghad.

Skond is-socjeta` appellanti attrici, bil-fatt li Domenic Savio Spiteri u Spiteri Holdings Limited "awtorizzaw" lill-konvenuti l-ohra sabiex jiehdu pussess ta' l-art in kwistjoni u jaghmlu x-xogholijiet miftehma bejniehom kien jammonta ghal spoll. Is-socjeta` attrici tkompli telabora hekk:

"Huwa anzi l-appellat Spiteri u Spiteri Holdings Limited li huma l-awturi originali ta' l-ispoll .... billi huma l-appellati .... li agixxew fuq pretensjoni li l-art in kwistjoni hija taghhom u geghlu lill-konvenuti l-ohra inaddfu din l-art u jaghmlu xogholijiet ohra fuqha sabiex jistghu jiffinalizzaw kuntratt kif kien miftiehem minnhom".
Fil-fehma tal-Qorti, l-aggravju tas-socjeta` attrici kif fuq imsemmi mhuwiex fondat. Il-premessa tieghu fl-att ta' citazzjoni li "l-konvenuti jew min minnhom bdew jippretendu li l-art fuq imsemmija hija taghhom" per se` ma kienet twassal qatt ghall-azzjoni bhala dik sperimentata mill-attur. Setghet twassal, per ezempju, ghal azzjoni ta' jattanza jew millantazzjoni imma din hi xi haga ben diversa mill-actio spolii. Ferm aktar rilevanti u pertinenti invece ghall-ispoll hija l-premessa sussegwenti ghal dik fuq imsemmija, fl-att ta' citazzjoni tas-socjeta` attrici, igifieri dik fejn tallega:
"... li l-konvenuti jew min minnhom klandestinament u ad insaputa tas-socjeta` attrici dahlu bil-gaffa u b'ingenji ohra gewwa l-istess art, u kissru pedamenti ezistenti li kienu gew maghmula mis-socjeta` attrici, wittew il-plots in kwistjoni u ghamlu xoghol iehor fuq din l-art ghal skopijiet personali taghhom".

Il-konvenju u kull ftehim iehor milhuq bejn il-konvenuti proprio et nomine kienu – di fronte s-socjeta` attrici – "res inter alios acta" u bhala tali la kienu u lanqas setghu jivvantaggjaw jew jizvantaggjaw kwalsiasi titlu jew pussess gawdut minnha. Kien l-agir li permezz tieghu sehhet invazjoni fl-art minnu pusseduta li kkaguna l-ispoll u ta' dan l-agir kienu jahtu unikament Raymond Aquilina proprio u s-socjeta` Terra Mediterranea Limited. Ghamlet sew allura l-Qorti ta' l-ewwel grad li tillibera lill-konvenuti appellati mill-osservanza tal-gudizzju. Fejn pero` din il-Qorti ma hijiex konkordi maghha hija f'dik il-parti relattiva ghall-kap ta' l-ispejjez fejn akkollat l-ispejjez kollha fuq l-appellanti Aquilina proprio u Terra Mediterranea Limited. Jekk l-appellati ma messhomx gew imharrkin mis-socjeta` attrici u galadarba rrizulta li dawn fizikament ma kkommettew ebda att spoljattiv li bih spussessaw lill-imsemmija socjeta` minn hwejjigha, l-ispejjez gudizzjarji dwarhom, ghandhom jigu supportati mis-socjeta` attrici

biss. Ghalhekk isegwi li din il-parti tas-sentenza trid tigi riformata u l-aggravju tas-socjeta` attrici f'dan ir-rigward qed jigi respint, filwaqt illi dak avvanzat mill-konvenuti proprio et nomine, qed jigi milqugh.

**DWAR L-APPELL INCIDENTALI TA' DOMENICO SAVIO SPITERI U SPITERI HOLDINGS LIMITED.**

12. L-aggravju f'dan l-appell incidentali interpost miz-zewg appellati fuq imsemmija gja` jinsab determinat in kwantu kien jifforma parti integrali mill-appell promotorju interpost mill-konvenuti l-ohrajn u li dwaru din il-Qorti gja esprimiet ruhha, u ghalhekk m'hemm ebda htiega ta' ripetizzjoni ad oltranza.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi:
(i) tichad l-appell fil-meritu kif mitlub mill-konvenuti Raymond Aquilina personalment u s-socjeta` Terra Mediterranea Limited;
(ii) tichad l-appell fil-meritu kif mitlub mis-socjeta` attrici appellanti;
(iii) tichad l-appell incidentali kif mitlub mill-konvenuti Domenic Savio sive Savio Spiteri u Spiteri Holdings Limited;
(iv) tikkonferma, kwantu ghall-meritu, is-sentenza appellata kif moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Marzu 2001.
(v) tilqa' l-appell tal-konvenuti Raymond Aquilina personalment u tas-socjeta` Terra Mediterranea Limited, limitatament ghall-parti koncernanti revoka parzjali tal-kap ta' l-ispejjez minn kif deciz mill-ewwel Qorti, igifieri dik il-parti tal-ispejjez relattivi ghal-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju ta' Domenico Savio sive Savio Spiteri u Spiteri Holdings Limited.
(vi) dwar il-kap ta' l-ispejjez qeghda, minflok, tiddeciedi hekk:-
(a) l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi relattivi ghall-konvenuti Domenico Savio sive Savio Spiteri u Spiteri Holdings Limited ikunu a karigu biss tas-socjeta` attrici;

(b) l-ispejjez gudizzjarji tal-ewwel istanza relattivi ghall-vertenza, inkluzi dawk peritali, eccetto pero` l-ispejjez gudizzjarji relattivi ghall-konvenuti l-ohra li dwarhom gja` gie pprovdut f'paragrafu VI(a) supra, ikunu a karigu tal-konvenuti Raymond Aqulina personalment u s-socjeta` Terra Mediterrranea Limited in solidum;

(c) kwantu ghall-ispejjez tat-tieni istanza, in vista ta' dak li gie deciz, u hlief dawk relattivi ghall-konvenuti appellati li dwarhom gja` gie pprovdut, dawn ghandhom jigu sopportati kwantu ghall-erba' kwinti ($^{4}/_{5}$) mill-konvenuti Raymond Aquilina proprio u Terra Mediterranea Limited in solidum; u r-rimanenti kwinta ($^{1}/_{5}$) parti tkun a karigu tal-attur.

Dep/Reg
df